- ***KOLLIZJONI –***
- **DIFIZA TAT-TERZ INJOT –**
- ***STOP SIGN –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Dicembru , 2001**

**Kawza Numru: 18**
**Citazzjoni Numru: 776/95/RCP**

**Nazzareno u Catherine konjugi Abela.**

**vs**

**Sheth Kishorekimar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 3 fejn gie premess:-

Illi fl-1 ta' April 1995, f'St. Mary Steeet, kantuniera ma' Neolitic Temples Street, Tarxien, sehh incident awtomobilistiku bejn vettura numru E–1948 misjuqa mill-konvenut u l-*bus* numru Y–0902 misjuqa minn Jesmond Borg u proprjeta' tal-atturi, liema incident awtomobilistiku gara tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, traskuragini u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku *da parte* tal-istess konvenut kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficcjali datata 10 ta' Mejju 1995 (kopja annessa mmarkata Dok. "A") biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

(2) Tillikwida l-istess danni sofferti mill-atturi okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *in linea* ta' d-danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-10 ta' Mejju 1995, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 6 sa 10 tal-process;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi, in linea preliminari, l-atturi jridu jippruvaw li huma proprjetarji tal-vettura Y–0902.

(2) Illi relattivament ghall-ewwel talba attrici, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident *de quo* ma kienx responsabbli l-eccipjenti izda terzi ignoti li taw daqqa minn wara fuq il-vettura E–1948 minnu misjuqa u spicca fuq il-vettura Y–0902.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti tas-27 ta' Gunju 1996, 7 ta' Novembru 1996, 3 ta' Dicembru 1996, 19 ta' Frar 1997, 28 ta' April 1997, 26 ta' Novembru 1997, 1 ta' April 1998. 3 ta' April 1998, 13 ta' Novembru 1998, 16 ta' April 1999, l-1 ta' Dicembru 1999, 12 ta' Mejju 2000, 13 ta' Ottubru 2000, 22 ta' Novembru 2000, 3 ta' April 2001, u 11 ta' Lulju 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001

b'fakolta' li l-partijiet jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet rispettivi entro it-terminu ta' erbghin (40) gurnata hemm specifikati.

Rat ix-xhieda ta' P.S. 196 Alfred Cristina tas-16 ta' April 1999 a fol. 36 sa fol. 38 tal-process; ta' Jesmond Borg tal-1 ta' Dicembru 1999 a fol. 42 sa fol. 44 tal-process; l-affidavit tal-konvenut tat-28 ta' Marzu 2001 a fol. 53 sa 56 tal-process; x-xhieda ta' Emanuel Galea, Jose' Abela u Shamik Sheth tat-3 ta' April 2001 u l-affidavit ta' Christine Vella tad-29 ta' Marzu 2001; u x-xhieda ta' Christine Vella, Kishorekimar Sheth u Shanik Sheth tal-11 ta' Lulju 2001.

Rat l-iskizz, u l-okkorrenza esebiti a fol. 39 u 40 tal-process.

Rat d-dokumenti kollha u x-xhieda kollha moghtija quddiem din il-Qorti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi datata 6 ta' Awissu 2001.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut tas-27 ta' Settembru, 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABBILITA' TAL-INCIDENT.

Illi l-attur qed jaghmel din il-kawza stante li qed jallega li l-bus Reg. No. Y – 0902 waqt li kienet qed tigi misjuqa fl-St. Mary Street, Tarxien sfat milquta mill-karozza Reg. No. E – 1948 misjuqa mill-konvenut, li kienet hierga minn Neolithic Temple Street, u peress li din ma waqfitx fuq l-i*Stop Sign* li hemm fl-inkroccju tal-istess triq, l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-istess incident u ghalhekk ukoll responsabbli ghall-istess imsemmija danni.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed isostni li l-istess incident ma garax tort tieghu izda ta' terz injot, stante li huwa fil-fatt waqaf fuq l-*iStop Sign* izda karozza giet minn warajh u waqt li huwa kien wieqaf imbuttatu ghal fuq il-karozza tal-attur, u ghalhekk r-responsabbilita' tal-incident ma hijiex tieghu.

Illi ma hemmx dubju f'dawn il-premessi, li s-sewwieq tal-karozza attrici ma huwiex responsabbli ghall-istess stante li huwa jidher li kellu d-dritta ghaliex kien ghaddej minn St. Mary Street, u kien obbligu tal-konvenut li jieqaf skond l-

istess sinjal ta' *Stop* fit-triq, u certament li l-incident gie ikkawzat ghaliex din l-ahhar karozza oltre passat l-istess sinjal fit-triq, bil-konsegwenza li sar l-impatt. Jesmond Borg, is-sewwieq tal-istess *bus* ma jirrizulta li kien bl-ebda mod responsabbli ghall-istess incident stante li huwa dejjem kellu ir-*right of way* u dejjem baqa' fuq ir-rotta tieghu fl-istess triq, bla ebda perikolu ghal hadd.

Illi ghalhekk la darba jirrizulta li l-karozza tal-konvenut qabzet l-istess S*top Sign,* huwa oneru tal-konvenut li huwa jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu u juri li huwa, nonostante din id-dinamika tal-incident kif anke waqqfu l-karozzi wara l-impatt, murija anke fuq l-iskizz tal-Pulizija, ma kienx reponsabbli ghall-istess incident.

Illi ovvjament ghalhekk huwa l-konvenut li ghandu l-oneru li jipprova li ghall-istess incident ma kienx huwa responsabbli, anke tenut kont tal-fatt li la darba l-karozza tieghu spiccat f'St. Mary Street, oltre is-sinjal tal-*iStop Sign* f'Neolithic Temple Street, l-gustifikazzjoni tal-azzjoni trid necessarjament tigi ittentata minnu, apparti li huwa ghandu l-obbligu li jipprova dak li qieghed jallega.

Illi fil-fatt il-konvenut jallega li huwa kif wasal mal-inkroccju tal-istess Neolithic Temple Street ma St. Mary Street, huwa ra l-bus gejja, u ghalhekk wara li naqqas l-*ispeed*, u ra li l-istess vettura ma kienitx ser tieqaf, huwa ukoll waqaf, pero' kif ghamel dan ra karozza ta' kulur blu warajh li dahlet go fih, u ghalkemm huwa kien qed izomm il-brake, xorta

spicca f'St. Mary Street, mahbut mal-istess bus, mentri l-istess karozza li habtet fih irriversjat, u baqghet sejra. Illi peress li huwa kien pre-okkupat bit-tfal li kellu mieghu huwa ma qal xejn b'dan lill-Pulizija, u kien biss fil-15 ta' April 1995 li informa lill-Pulizija b'din l-istess karozza li allegatament dahlet fih, ghaliex sostna li ma setghax immur qabel ghaliex kien ghadu migugh bid-daqqa li kien qala' fuq saqajh, u dan wara li kien ghamel rapport ghand id-ditta assikuratrici tieghu. Din il-versjoni giet ripetuta minn Christine Vella, in-neputija tal-konvenut li kellha 15 il-sena meta xehdet fid-29 ta' Marzu 2001, ghalkemm din ma gharfitx il-karozza li allegatament dahlet fihom, u wkoll minn Shamik Sheth, bin il-konvenut li kellu 12-il sena meta xehed fil-11 ta' Lulju 2001, u allura kellu hames jew sitt snin meta gara l-incident.

Illi pero' din il-Qorti thoss li din il-versjoni tal-istess konvenut ma hijiex verosimili u dan peress li jirrizulta mix-xhieda tas-Surgent P.S. 196 Alfred Cristina, li dwar dan il-konvenut ma qallu xejn *a tempo vergine*, u kien biss fis-16 ta' April 1995, li l-konvenut mar ifittxu biex jghidlu li dak in-nhar kien dahlet fuqu terza persuna.

Illi l-Qorti thoss li dettal daqshekk importanti l-konvenut kellu id-dover l-ewwel nett lejh innifsu li jinforma bih lis-Surgent ma' l-ewwel cans, iktar u iktar meta skond l-istess konvenut l-karozza l-ohra ma kienitx fuq il-post, u certament mhux jistenna gimghatejn biex jaghmel dan.

Illi veru li l-konvenut sostna li huwa kien pre-okkupat bil-feriti li kienu soffrew uliedu, pero' xorta wahda tali dettal, kieku vera, il-Qorti thoss li kien jigi rapportat mill-istess konvenut lill-Pulizija immedjetament, specjalment meta l-allegazzjoni tal-konvenut *di fronte* ghal dan it-terz injot hija tant serja, ghaliex dan l-allegat sewwieq qabad u skond l-konvenut telaq minn fuq il-post mill-ewwel.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut ma hijiex kredibbli stante li l-istess konvenut *a tempo vergine* meta kellem lis-surgent li investiga l-istess incident ma qallu xejn dwar dan, u mhux biss baqa' sieket f'dak il-mument, izda wkoll ghall-gimghatejn shah wara, fejn sahanistra l-ewwel mar ghand l-assikurazzjoni tieghu, u wara diversi jiem mar jaghmel it-tieni rapport tieghu.

Illi jinghad ukoll li ghalkemm l-istess Surgent sostna li meta investiga l-incident il-konvenut ma qallu xejn dwar dan it-terz injot, il-konvenut sostna li  wara l-karozza tieghu u fit-triq li kien gej minnha huwa wera lill-istess Surgent *bumper* iswed li kien mal-art; pero' dwar dan ma hemm xejn fl-istess l-ewwel okkorenza, u ma saru l-ebda domandi dwar dan lill-istess Surgent, u din hija iktar serja meta l-konvenut isostni li meta gie muri dan il-*bumper* l-istess Surgent ma ghamel xejn.

Illi pero' mhux biss, izda din l-allegazzjoni dwar il-*bumper* li l-istess Surgent skond il-konvenut halla f'postu hija tassew stramba, ghaliex la darba *a tempo vergine* l-konvenut qed

isostni li ma qal xejn dwar l-allegata karozza li dahlet fih, jibqa' misteru f'liema kuntest semma dan il-*bumper* ta' karozza ohra li ma kienitx tieghu; hija presunzjoni naturali li la darba l-konvenut qed isostni li wera dan il-*bumper* lis-Surgent ma kien hemm xejn x'izommu milli jispjega l-allegazzjoni tieghu li karozza ta' terza persuna injota kienet dahlet go fih minn wara u kienet din il-karozza li mbuttat lill-konvenut fuq l-attur. Il-fatt li l-istess konvenut ma ghamilx dan certament li jnaqqas il-kredibbilita' tal-versjoni tieghu drastikament.

Illi apparti dan pero' hemm ix-xhieda tal-istess Jesmond Borg, is-sewwieq tal-vettura tal-atturi, li sostna bl-iktar mod kategoriku mhux biss li ma ra l-ebda karozza ohra tahbat ma' dik tal-konvenut, izda wkoll li l-ebda karozza ma ghaddiet la minn fejn kien ghaddej hu u lanqas minn fejn kien gej il-konvenut u allura fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda prova kwalunkwe ta' dan l-allegat impatt mal-karozza tal-konvenut.

Illi *di piu`* lanqas gie ppruvat li kien hemm xi *debris* fejn sar l-allegat impatt mal-karozza tal-konvenut, u fl-ahharnett id-daqqa murija fuq il-karozza tal-konvenut fid-dokument "EG 1" a fol. 61 tal-process ma tipprova xejn dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenut, ghaliex tali daqqa setghet saret f'data ohra jew incident iehor, apparti l-fatt li tali daqqa ma tidhirx li hija ta' entita' tali li timbotta l-vettura tal-konevnut ghal fuq karozza ohra, meta l-istess konvenut kellu ukoll saqajh fuq il-*brakes.*

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut hija ghal kollox inverosimili, u ma hijiex lanqas kredibbli, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident gara peress li l-konvenut ma waqafx fuq l-*iStop Sign* li kien obbligat li jaghmel u baqa' diehel f'St. Mary Street fejn habat mal-bus li kienet ghaddejja mill-istess triq misjuqa minn Jesmond Borg, u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo.*

Illi dan apparti il-fatt li din il-Qorti thoss ukoll li x-xhieda tal-minuri f'din il-kawza la kienet kredibbli u lanqas attendibbli, anke minhabba l-eta' tenerissima taghhom meta sar l-incident fin-1995.

Illi apparti dan kollu li gja inghad, dwar id-difiza tat-terz injot moghtija mill-konvenut din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **"Paul Scerri *et pro et noe vs* Tancred Cesareo"** (P.A. (GV) 27 ta' Jannar 1997 – LXXXI.iii.10) fejn inghad is-segwenti:-

*"Il-konvenut b'hekk irid jitfa' t-tort ta' dan l-incident bejn il-partijiet fuq it-terz injot; Il-Qorti trid teddeciedi r-responsabbilita' ta' l-incident bejn il-partijiet li ghandha quddiemha (ara* ***Mansfield vs Llewellyn*** *(1961) 2 ALLL E.R.95). Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Camilleri vs Cutajar*** *tad-disgha (9) ta' Dicembru 1968:*

*'Huwa risaput li d-difiza tat-terzo ignoto mhi difiza xejn ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addossata lil xi hadd li mhux fil-kawza".*

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi t-talba attrici dwar r-responsabbilita' tal-incident *de quo* ghandha tigi milqugha stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident inkwistjoni.

Illi dwar likwidazzjoni ta' danni jirrizulta li mix-xhieda ta' Emanuel Micallef rappresentant tas-socjeta' Micallef Insurance Agency Limited sostna li skond *survey* li kien sar l-istess *bus* kellha hsara fl-ammont ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) li fil-fatt il-partijiet jirrizulta li qabblu dwarhom skond l-istess xhieda imsemmija tat-3 ta' April 2001 u partikolarment a fol. 69 tal-process u ghalhekk l-ammont ta' danni likwidat favur l-atturi ghandu jkun ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) kif qabblu dwarhom l-istess partijiet.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet irtirata minnu b'verbal tal-11 ta' Lulju 2001.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

(2) Tillikwida l-istess d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf, u mitejn lira Maltija (Lm1,200).

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' d-danni l-ammont hekk likwidat ta' elf, u mitejn lira Maltija (Lm1,200).

Bl-imghax mid-data tas-26 ta' Novembru 1996 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-10 ta' Mejju 1995, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2001.**